Minuti tal-Laqgħa Nru. 32 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar |
| | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| | Is-Sur. Victor Caruana |
| | Is-Sinjura. Lucia Massa |
| | Is-Sur. Kearon Bruno |
| | Is-Sur Eric Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Xogħolijiet
5. Performance Bonus tal-Impjegati
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Proponent il-Kunsillier Victor Caruana u sekondant il-Kunsilliera Lucia Massa.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk konniex irċevejna l-email minn naħa tal-Youth Centre biex jiġu proponuti biex jingħataw Ġieħ Ħal Luqa. Is-Segretarju qal li huwa ma kienx irċieva email bħal din.

2.2 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk fil-Pjazza kienx ġie installat il-Wifi. Is-Sindku semma li din l-installazzjoni kienet se ssir fi tmiem ix-xahar ta' Jannar.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku qara email li kienet indirizzata lil Għaqdiet Volontarji minn naħa tal-Fondazzjoni tal-Għaqdiet Volontarji sabiex ikollhom laqgħa magħhom u jinfurmawhom fuq opportunitajiet differenti għall fondi.

3.2 Is-Sindku qara email fuq ċerimonja li kienet se ssir minn naħa tal-Baden Powell Scouts ġewwa Sant' Anton sabiex nattendu għaliha.

3.3 Is-Sindku qara email li kienet bħala stedina biex nattendu għall programm fuq ir-radju 'Illum ma Steph'. Is-Sindku semma biex nikkunsidraw din l-istedina.

3.4 Is-Sindku semma li kienet waslet email minn naħa tal-Kappillan rigward l-użu taċ-Ċentru Parrokkjali minħabba l-korsijiet taz-Zuma li kienu qed isiru minn naħa tal-Kunsill Lokali. Huwa semma li l-Kappillan hawnhekk kien qed jitlob kumpens minħabba l-użu tad-dawl. Is-Sindku saqsa lis-Segretarju kif kien l-andament dwar dawn il-korsijiet. Is-Segretarju qal li din id-darba kważi ġejna break even għax Euro 8 inġabru aktar milli ħallasna. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex niktbu lura lill-Kappillan u nitolbu biex niltaqgħu miegħu u nispjegawlu s-sitwazzjoni.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq il-U Bar li kellha ssir fi Triq Dun Pawl kantuniera ma Triq il-Ġdida peress li kienet għadha ma saritx. Is-Segretarju semma li se jerġa jfakkar lill-kuntrattur.

3.6 Is-Sindku semma li issa l-kwistjoni li kellha Transport Malta mal-kuntrattur tal-bus shelters issa ġiet riżolta u għandhom jitkomplew isiru l-bus shelters fil-lokalitajiet. Huwa qal biex nerġgħu niktbu lil Transport Malta u nissikawhom sabiex jagħmlu l-bus shelters li kellhom

jagħmlu ġewwa Ħal Luqa peress li dawn ilhom iktar minn 6 snin u għadhom ma sarux ad detriment tar-residenti. Is-Sindku semma wkoll li għandna niċċekkjaw mat-Transport Malta rigward it-traffic management li kellu jsir f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

3.7 Il-Viċi Sindku qalet nistgħux nagħmlu xi ħaġa għall bankina fejn hemm il-Convenience Shop peress li din tiżloq. Is-Sindku semma li se jiġi jaraha u jekk ikun hemm bżonn din tinqala.

3.8 Il-Kunsilliera Massa qalet li hemm ħofra fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Segretarju semma li kien ġie ordnat l-cold tarmac u din konna se nimlewha.

3.9 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm bozza maqtugħa fi Triq il-Masġar, Ħal Farruġ.

3.10 Il-Kunsillier Camilleri semma li din is-sena l-attivita li tikkommemora Jum Ħal Luqa jaqbel li ssir filgħodu. Huwa semma li għall dakinhar nistgħu naraw nagħmlux l-arblu ta' Mejju peress li dan kien isir ġewwa Ħal Luqa. Huwa qal li irridu nibdew niddiskutu fuq din l-attivita.

3.11 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk din is-sena l-Każini tal-Banda ta' Ħal Luqa kinux ħadu xi flus mill-Kunsill Lokali rigward it-tiżjin tad-dawl tal-Milied. Is-Sindku qal li bħala tiżjin il-Każini ma kinux żiedu ma dak li kien sar qabel u baqa kollox l-istess. Huwa qal li issa kif joqrob il-Milied irridu niddiskutu x' inhu l-aħjar għall Kunsill Lokali fuq dan ir-rigward.

## 4.0 XOGĦOLIJIET

4.1 Is-Sindku semma li fuq il-miżura 4.3 li tirrigwarda il-passaġġi li jwasslu għall egħlieqi biex jingħataw il-konkos, konna irċevejna minn naħa tal-Paying Agency li l-proġett li applikkajna għalih kien intgħażel għall din il-miżura. Huwa qal li issa qed nistennew biex jikkomunikaw magħna u niffirmaw il-kuntratt.

4.2 Is-Sindku semma wkoll li kien hemm miżura 4.4 rigward il-ħitan tas-sejjiegħ u għadna kif daħħalna l-applikazzjoni il-bieraħ. Huwa qal li se jsiru numru ta' ħitan tas-sejjiegħ in-naħa ta Wied Garnaw u li jwasslu għan naħa ta' Triq il-Gudja.

## 5.0 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI

5.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex joħroġ mill-kamra peress li kien se jiġi diskuss l-item tal-performance bonus tal-impjegati inkluż dak tiegħu.

5.2 Is-Sindku wara li lesta d-diskussjoni talab lis-Segretarju biex jidħol lura fil-Board Room fejn għarfu li l-Kunsill Lokali iddeċieda li jagħti l-massimu tal-performance bonus intitolat lill-ħaddiema u lis-Segretarju Eżekuttiv.

5.3 Is-Segretarju irringrazzja lill-Kunsilliera u anki tar-rimarki li huma għamlu.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar pagamenti.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018 fis-6.30 pm. Ma kienx hemm proposta data għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________2018.

____________________ John Schembri
Sindku

____________________ Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv